MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 2472/2002

**Raymond Debrincat**

**vs**

**Simone Refalo**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta' Ottubru, 2002, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur s-somma ta' mitejn u wiehed u hamsin lira Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm251.27) rappresentanti risarciment ta' danni sofferti mill-attur bhala konsegwenza tal-incident stradali li sehh gewwa Burmarrad fil-5 ta' Dicembru 2001 meta filwaqt li l-konvenuta kienet qed issuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni LCE 456, habtet mal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni AAL 779, proprjeta ta'l-attur u misjuqa minnu, ghal liema incident stradali l-konvenuta kienet unikament responsabbli.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra interpellatorja tas-16 ta' Jannar 2002, dawk ta'l-ittra ufficjali tad-19 ta' Lulju 2002 u dawk tal-ittra ufficjali ippresentata kontestwalment ma'l-avviz ghan-notifika ta'l-assikurazzjoni tal-konvenuta, flimkien ma'l-imghaxijiet legali mid-19 ta' Lulju 2002 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta.

Ra r-risposta tal-konvenuta ipprezentata fit-8 ta' Novembru 2002, fejn hija eccepiet illi it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dana peress illi l-incident stradali in kwistjoni sehh unikament tort ta'l-attur minhabba imperizja traskuragini u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Sema' x-xhieda ta' PS887, Stephen Mercieca u ta'l-attur.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebieti – Dokumenti SM1 u SM2, *road accident report* u l-iskizz tal-habta; Dokument RD1, skizz tal-habta maghmul mill-attur, Dokumenti RD2 sa RD4, ricevuti tal-hsarat.

Ikkunsidra,

Illi dan l-incident stradali sehh fil-perijodu taz-zmien meta kienu qed isiru xi xogholijiet fit-toroq gewwa Burmarrad u b'konsegwenza ta' dan kien hemm xi devjazzjonijiet fit-traffiku. Dan kien principarjament il-kagun ta' dan l-incident stradali u dana peress illi z-zewg sewwieqa kienu qed isuqu kontra l-indikazzjonijiet normali tat-traffiku minhabba f'dawn id-devjazzjonijiet u b'konsegwenza ta' dan sehh dana l-incident. Illi din is-sitwazzjoni fit-triq bilfors innecessitat grad iktar gholi ta' attenzjoni min-naha tas-sewwieqa li kienu qed jaghmlu uzu minn dawn it-toroq.

Illi dak in-nhar ta'l-incident, l-attur kien qieghed isuq fit-triq ta' Burmarrad sejjer lejn id-direzzjoni tal-Mosta. Huwa kien qieghed isegwi l-indikazzjonijiet li kien hemm fit-triq u cioe' kien qieghed josserva id-diverzjonijiet tat-traffiku li kien hemm minhabba r-*road works* li kien hemm. L-attur kien qieghed isuq fid-dritt tielgha lejn il-Mosta fil-parti tat-triq

fejn is-soltu it-traffiku jimxi fid-direzzjoni l-opposta u dana biswit il-Knisja ta' Burmarrad. Hekk kif l-attur wasal vicin it-triq laterali li tinsab fuq in-naha ta' wara tal-Knisja, il-vettura misjuqa mill-konvenuta baqghet hierga minn din it-triq  u sehhet il-kollizzjoni. L-attur jikkontendi illi huwa kien diga qabez il-kantuniera ta' din is-*side road* meta sab il-vettura tal-konvenuta ma' wiccu. Huwa ighid illi l-konvenuta kienet qed issuq fuq in-naha il-hazina ta' din it-triq u baqghet hierga minghajr ma waqqfet. Kif gew il-pulizija fuq il-post ta'l-incident, l-konvenuta bdiet tallega illi l-attur kien qieghed isuq kontra l-*one-way*, izda l-pulizija kienu infurmawha illi dan kien perfettament regolari peress illi kien hemm id-diverzjonijiet fil-*flow of traffic* minhabba fix-xogholijiet li kienu qed isiru fit-triq.

Illi ghalkemm kien hemm id-diverzjonijiet fl-andament tat-traffiku, xortawahda, ir-regoli kardinali tas-sewqan ghandhom jigu osservati, anzi dan ghandu isir skrupolozament u b'attenzjoni kbira, u dana sabiex ma ikunx hemm periklu ghall-utenti tat-triq. Hija responsabbilta' ukoll kemm tal-pulizija, kif ukoll tad-Dipartiment governattiv ikkoncernat, illi jassikuraw rwiehom illi ikun hemm tabelli bizzejjed, u li jinfthiemu minn kulhadd lli jindikaw ezattament lis-sewwieqa x'direzzjoni ghandhom jiehdu. Ghalkemm kien il-hin ta' fil-ghaxija meta sehh l-incident, u kien diga dalam, l-attur ighid illi huwa ma rax id-dawl gej mill-vettura tal-konvenuta qabel ma hija harrget mit-triq laterali.

Illi kif xehed il-kuntistabbli Stephen Mercieca, li kien l-*investigating officer* f'dan l-incident, it-triq li kien qieghed isuq fiha l-attur hija f'dawn ic-cirkostanzi ikkunsidrata bhala *major road* u cioe' triq principali meta imqabbla mat-triq minn fejn harrget il-konvenuta.

Illi l-konvenuta ma tatx ix-xhieda taghha quddiem it-Tribunal u dana peress illi ghalkemm hija inghatat diversi opportunitajiet sabiex taghmel dana, dejjem naqqset li tattendi ghas seduti iffissati u kwindi f'dawn ic-cirkostanzi ix-xhieda tal-kuntistabbli Mercieca tirrappresenta l-kwadru komplet ta' kif sehh l-incident bil-verzjonijiet moghtija miz-zewg sewwieqa *a tempo vergine*. Il-verzjoni moghtija mill-

attur tirrispekkja ix-xhieda tieghu moghtija quddiem dan it-Tribunal. Il-konvenuta min-naha taghha sostniet illi qabel ma harrget hija, kien hemm vettura ohra quddiemha li baqghet hierga u hija hekk ghamlet ukoll wara li harset lejn iz-zewg nahat. Peress illi ma ratx vetturi gejjin hija baqghet hierga u sehhet il-kollizzjoni. Jidher mill-verzjoni moghtija mill-istess konvenuta lill-kuntisabbli illi hija kienet taf bid-diverzjonijiet li kien hemm fit-traffiku dak in-nhar. Il-kuntistabbli Mallia jikkontendi illi l-vizwali tas-sewwieq hiereg minn din it-triq laterali hija wahda tajba u dak in-nhar ostakoli ma kienx hemm.

Ikkunsidra,

Illi mill-kwadru ta' dawn il-fatti jirrizulta illi z-zewg partijiet kienu ben konxji illi kien hemm id-diverzjonijiet fil-*flow of traffic* dak in-nhar li sehh l-incident u ghalhekk il-grad ta' attenzjoni rikjest f'dawn ic-cirkostanzi kien wiehed akbar peress illi huma riedu isewgu l-indikazzjonijiet moghtija tad-direzzjoni minn fejn kellhom ighaddu skrupolozament. Illi ma hemmx dubbju illi l-attur kien qieghed isuq fid-dritt u fl-ebda mument ma biddel id-direzzjoni ta' fejn kien sejjer. Hu kien  ghaddej mit-triq principali sejjer minn San Pawl il-Bahar lejn il-Mosta.

Illi ma hemmx dubbju illi t-triq minn fejn kienet hierga l-konvenuta hija ikkunsidrata bhala triq sekondarja jew laterali meta imqabbla mat-triq fejn kien qieghed isuq l-attur. Illi ghalhekk kien jispetta lill-konvenuta illi hekk kif tasal fil-ponta tat-triq hija twaqqaf sabiex taccerta ruhha illi ma kienx hemm traffiku iehor ghaddej mit-triq principali qabel ma taqbad u tohrog. Ghalkemm kif inghad l-konvenuta ma xehditx f'din l-istanza, jirrizulta mir-*road accident report*, illi kien hemm vettura ohra qed tinsaq quddiem l-konvenuta li baqghet hierga minn din it-triq u l-konvenuta iddecidiet li issegwieha. Ma jidhirx illi hija indenjat ruhha twaqqaf sabiex tesplora it-triq sew qabel ma ghamlet din il-manuvra biex b'hekk sehh dan l-incident, ghaliex hekk kif hija harrget sabet il-vettura misjuqa mill-attur ma wiccha.

Illi wara li t-Tribunal ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u fela ix-xhieda sew ma jistax isib l-ebda htija fis-sewqan ta'l-attur, li kien qieghed isuq fit-triq dritta lejn il-Mosta. Certament ma kienx responsabbilta' tieghu li jieqaf jew jirrallenta ma kull triq laterali li hemm sabiex jaccerta ruhu illi ma ikun hiereg hadd minnhom, ghaliex altrimenti kien ikun ta' periklu ghas-sewwieqa gejjien minn warajh.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara l-konvenuta unikament responsabbli ghall-incident stradali mertu ta' din il-kawza u ghalhekk ighaddi sabiex filwaqt li jirrespingi l-eccezzjoni sollevata mill-istess konvenuta jilqa' it-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur s-somma ta' mitejn u wiehed u hamsin lira Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm251.27), bl-imghaxijiet legali mid-19 ta' Lulju 2002.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta'l-ittra interpellatorja tas-16 ta' Jannar 2002, dawk ta'l-ittra ufficjali tad-19 ta' Lulju 2002 u dawk tal-ittra ufficjali ippresentata kontestwalment ma'l-avviz ghan-notifika ta'l-assikurazzjoni tal-konvenuta ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------